– PROCEDURI TA' RIVALSA TA' L-ASSIGURAZZJONI –
– KSUR TAL-POLZA U RIVALSA SKOND IL-KAP. 104 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– "INDEBITI SOLUTIO": PAGAMENT LI SEHH BI ZBALL –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Jannar, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **86/2020**

**ELMO INSURANCE LIMITED**
[REG. NRU. C-3500]

***VERSUS***

**SHARON BRIFFA** [K.I. NRU. 546680M] **U**
**DENILSON JUSTIN BRIFFA** [K.I. NRU. 358398M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-11 ta' Mejju, 2020 fejn l-attrici talbet hekk:

1. Is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "Argus Insurance Agencies Limited et v. Denilson Justin Briffa" [M5160/2017] deciz fil-21 ta' Gunju 2018 is-somma komplessiva ta' elfejn, erba' mija, hamsa u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€2,425.60) in linea ta' danni, imghax, spejjez legali, gudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAQ796, liema vettura kienet qed tinstaq mill-konvenut Denilson Justin Briffa, dak iz-zmien minorenni, f'liema procedure l-istess konvenut Denilson Justin Briffa baqa' ma pprezentax risposta u l-anqas ma ta x-xhieda tieghu jew ressaq provi ohra.

2. Fil-fatt gara li fl-24 ta' April 2015, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAQ796 proprjeta' tal-konvenuta Sharon Briffa u assikurata mas-socjeta' Elmo Insurance Limited, waqt li kienet qed tinsaq mill-konvenut Denilson Justin Briffa sfat involuta f'incident awtomobilistiku fi Triq Mikiel Anton Vassallo, San Giljan, mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBM228, misjuqa minn terzi.

3. Gara izda li l-konvenut Denilson Justin Briffa kien minorenni meta sehh l-incident *de quo* u ghalhekk ma kellux licenzja tas-sewqan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni u l-obbligi relattivi. Ghalhekk, il-konvenut Denilson Justin Briffa ma kienx kopert mill-istess polza. Cio' nonostante, is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited ma setatx ma thallasx lit-terz una volta kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Permezz ta' ittra ufficjali taghha tat-23 ta' Gunju 2017, is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited *inter alia* wissiet lill-konvenuti bil-konsegwenzi kollha li kienu se jgarrbu fil-konfront taghha fil-kaz li jigu stitwiti proceduri gudizzjarji kontra taghhom, jew min minnhom, b'ezitu sfavorevoli ghalihom, una volta kienu sodisfatti fil-konfront tas-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi, b'zieda mal-ammont hawn fuq imsemmi, is-socjeta' attrici – erronjament – bghatetpagament lill-konvenuta Sharn Briffa fl-ammont ta' mija, sitta u sebghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€176.25) li, ghalkemm kellha tkun taf ben tajjeb illi dan l-ammont ma kienx destinat lilha (u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda ammont dovuti mis-socjeta' attrici; anzi ghal kuntrarju) xorta sarfet l-imsemmi pagament.

6. Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-konvenuti ghandhom ihallsu, solidament bejniethom, lill-istess Elmo Insurance Limited is-somma ta' €2,601.85 fuq riferit.

   Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett mis-6 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm debitament notifikati bl-atti ta' dawn il-proceduri, iz-zewg konvenuti naqsu milli jipprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan, la deheru fl-udjenzi quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghhom (jew xi difensur ghalihom) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra preliminarjament hekk kif gej;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza ta' l-24 ta' Settembru, 2020 (*a fol*. 7), il-konvenut Denilson Justin Briffa kien gie debitament notifikata bl-atti processwali izda nonostanti dan, l-imsemmi konvenut baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-

udjenza datata 24 ta' Settembru, 2020. Dakinhar il-procediment kien gie aggornat peress li l-konvenuta l-ohra, Sharon Briffa, kienet ghadha mhux debitament notifikata bl-atti ta' din il-kawza.

Fl-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2021 (*a fol.* 17) kien giet registrat illi l-konvenuta Sharon Briffa kienet giet debitament notifikata bl-atti processwali. Nonostanti tali notifika, l-imsemmija konvenuta baqghet ma ressqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet gie dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza datata 19 ta' Mejju, 2021.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz[1] ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**Salvatore La Rosa**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959);[2] id-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol XXIX-III-35**;[3] il-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010);[4] id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u *in re* **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika ta' l-imharrkin f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontrihom, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment kif isegwi;

Bil-prezenti istanza, is-socjetà attrici qed titlob rifuzjoni minghand il-konvenuti ta' l-ammont minnha mahrug biex jigi kumpensat terz abbazi tal-kundanna fil-proceduri arbitrali (i.e., €2,425.60c) u kif ukoll hlas lura t'ammont minnha mhallas bi zball/zvista lill-assigurata Sharon Briffa (i.e., €176.25c). L-ammont huwa komplessivament ta' €2,601.85c. Il-bazi ta' l-azzjoni attrici dwar l-ewwel ammont (i.e., €2,425.60) hi l-vjolazzjoni tal-polza da parti tal-konvenuta Sharon Briffa illi kuntrarjament ghal dak previst fil-polza, ippermettiet lill-konvenut Denilson Justin Briffa li jsuq il-vettura assikurata meta hu ma kellux l-età idonea biex jaghmel

[1] Dwar it-tema tas-skiet guridiku wiehed hu dirett jara s-sentenza *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata), b'siltiet mid-duttrina u mill-gurisprudenza lokali dwar il-materja. Tali insenjamenti gew imhaddna mill_prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni *in re* **Grace Borg v. Edward Basile et** moghtija fid-19 ta' Jannar, 2021.

[2] Fiha nsibu ritenut hekk: "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal.*"

[3] Fiha inghad hekk: "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

[4] F'din id-decizjoni inghad li l-parti li tkun kontumaci "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha.*"

dan (i.e., kien ghadu minorenni). Il-bazi ta' l-istanza attrici dwar it-tieni ammont (i.e., €176.25) hi s-semplici hlas bi zball imwettaq bi zvista mill-attrici versu l-assigurata konvenuta, Sharon Briffa, illi ma kellha qatt tircievi xi hlas mill-attrici. Dawn huma l-presupposti li jaghtu origini ghat-talba attrici fil-prezenti kawza.

Dwar l-ewwel aspett (*viz*. vjolazzjoni tal-polza), meta jkun hemm kopertura assigurattiva fuq veikolu, tali polza tnissel legam kuntrattwali bejn il-persuna ta' l-assikurat u l-enti li tassigura l-eventwali sinistru. Tali vinkolu jassoggetta liz-zewg partijiet li jharsu u jimxu mal-kundizzjonijiet tal-polza, ossia li l-assikurazzjoni taghzel tforni kopertura assigurattiva f'kaz li javvera ruhu r-riskju kontemplat fiha, filwaqt li l-parti assikurata tintrabat li taghmel dak kollu possibbli sabiex b'ghemilha possibilment tevita kemm tista' l-avverar tas-sinistru u li ssegwi l-kundizzjonijiet tal-polza. Abbinat ma' tali legam hemm imbaghad id-disposizzjonijiet t'ordni pubbliku tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta illi jaghtu setghat ulterjuri u jeddijiet konkomintanti ghar-rabta li tigi instawrata bejn l-assigurat u l-assikurazzjoni. Jekk javvera sinistru u fl-istess waqt ikun hemm ksur tal-polza ta' l-assigurat, l-assigurazzjoni tkun dovuta tindennizza lit-terz sinistrat u ghandha l-jedd li ddur fuq l-assigurat taghha, anke jekk ma kienx l-istess assigurat li direttament kien partecipi fis-sinistru.[5] Tali jedd ta' rivals ta' l-assiguratur mhux biss jitwieled fil-konfront ta' l-assikurat, izda anke kontra l-persuna li tat lok ghas-sinistru hekk kif diversi decizjonijiet tal-qrati taghna jaffermaw. Ir-responsabbilità ta' dawn it-tnejn hi, ghalhekk, wahda solidali. F'dan ir-rigward ara *in re* **Hugh P. Zammit pro et noe v. John Mifsud et** (Appell Superjuri, 1 ta' April, 2005), *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited noe et v. Joseph Aquilina et** (Appell Inferjuri, 14 ta' Frar, 2014) u *in re* **Middlesea Insurance plc v. Peter Azzopardi pro et noe** (Prim'Awla, 21 ta' Ottubru, 2015). Fil-prezenti kaz, l-assigurazzjoni attrici qed tinvoka d-dritt taghha ta' rivalsa kontra l-assigurata taghha (Sharon Briffa) u kontra min ta lok ghall-incident (Denilson Justin Briffa).

Dwar it-tieni aspett (*viz*. hlas indebitu), il-jedd vantat mill-assigurazzjoni attrici jintarbat ma' qaghda kwazi-kuntrattwali illi b'mod generiku jidderiva minn sitwazzjoni fejn jintalab rifuzjoni ta' hlas minhabba mankanza jew inezistenza tad-debitu (*indebitus ex re*) jew il-mankanza tal-kwalitá ta` kreditur fl-*accipiens* jew ta' dik tad-debitur fis-*solvens* (*indebitus ex personis*) jew meta jkun hemm l-errur fl-*accipiens* jew fis-*solvens* (ara *in re* **Joseph Rossi v. Victor Cilia et**, Prim'Awla, 11 ta' Marzu, 1970 *per* Imh. Maurice Caruana Curran; mhux pubblikata). Il-bazi ta' tali azzjoni (ta' *indebiti solutio*) hija li hadd ma jista' japprofitta ruhu minn zball ta' haddiehor u dan skond il-massima ta' gustizzja naturali "iure naturæ æqum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" (ara f'dan is-sens *in re* **Alfred Tonna et v. Carmela Bugeja et**, Appell Civili, 8 ta' Frar, 1957 u *in re* **Frank Schembri v. George Scicluna**, Appell Civili, 24 ta' Ottubru, 1975; mhux pubblikata). Quddiem qaghda bhal din, taghmel hafna sens ir-riflessjoni tal-wisq erudit l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fic-citata sentenza *in re* **Joseph Rossi vs. Victor Cilia *et*** meta afferma li, "*id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li huwa hallas bhala indebitu hu fondat fuq il-principju kbir ta' l-ekwitá li ma tippermittix li wiehed jarrikixxi ruhu b'dannu ta' ghajru*." Fuq l-istess binarji, il-gurista **FRANÇOIS LAURENT** ("Principii di Diritto Civile" Vallardi editori 1881; Vol: XX, §370, p.286) jikteb illi, "*l'equitá non permette che egli si arricchisse senza diritto in danno di colui che ha pagato indebitamente*."

[5] Il-*proviso* ghall-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 6, l-Art. 10 u anke l-*proviso* ghall-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 12 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jaghtu jedd lill-assiguratur li, f'kaz ta' ksur ta' xi kundizzjoni jew izjed tal-polza da parti tal-persuna assigurata, u wara li jithallas it-terz danneggjat, l-istess assiguratur ghandu d-dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' l-assigurat tieghu. Wiehed ikollu jghid li dawn huma drittijiet ta' rivalsa moderni li joriginaw minn direttivi Ewropej (*ex* Direttiva nru. 209/103/KE) u wkoll jirriflettu l-principju generali previst fl-Art. 1048 tal-Kodici Civili Malti.

Ferma tali spjegazzjoni dwar il-binarji li fuqhom hija msejjsa l-prezenti kawza, it-Tribunal issa jdawwar l-attenzjoni tieghu ghall-provi mressqa ghall-iskrutinju tieghu.

Fil-konfront ta' l-imsemmija zewg konvenuti gew prezentanti Kapitolu mill-attrici, b'mod separat u b'manjiera rispettiva.

Fl-udjenza ta' l-24 ta' Settembri, 2021 gie prezentat Kapitolu fil-konfront ta' l-imharrek Denilson Justin Briffa (ara Kapitolu *a fol*. 99). Dan il-Kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2020 (*a fol*. 11). Peress li dan il-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex iwiegeb ghal tali Kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan il-Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr. Kif diga' mghadud, dan kollu gie debitament puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza l-ahhar imsemmija.

L-istess procedura kienet giet addottata mill-attrici fil-konfront tal-konvenuta l-ohra, Sharon Briffa. Infatti, fl-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2021 gie prezentat Kapitolu fil-konfront ta' din l-imharrka (ara Kapitolu *a fol*. 22). Dan il-Kapitolu kien gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza sussegwenti, hekk kif muri fil-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2021 (*a fol*. 26). Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali Kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk tali Kapitolu ttiehed bhala mistqarr. Kif diga' mghadud, dan kollu gie debitament puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza mizmuma fil-5 ta' Ottubru, 2021.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza *in re* **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "*il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra*

*li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.*"

Sa zmien pjuttost recenti, il-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) kompliet tikkonsolida dan il-hsieb u orjentament guridiku hekk kif rifless fis-sentenza *in re* **Absolute Services Ltd v. Stefan Darmenia**, moghtija fil-11 ta' Novembru, 2020. Hija wkoll interessanti s-sentenza ta' dan it-Tribunal, izda diversament presedut, *in re* **Complex Co. Ltd v. Clive May**, emessa fis-27 ta' Mejju, 2021, li mhux biss thaddan u tirrikalka l-insenjamenti hawn fuq esposti, imma tkompli tamplifika t-tematika *de quo* b'senjalazzjonijiet gurisprudenzjali ulterjuri.

Apparti l-imsemmija konfessjoni/jiet gudizzjali, it-Tribunal ha kont tal-provi l-ohra mressqa mill-assigurazzjoni attrici in sostenn tal-pretiza dupplici taghha, u cioè:

**(i)** tad-dokumentazzjoni ezibiti minn Dr. Fiona Galea Farrugia, *qua* Registratur fi hdan ic-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta, waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2021 illi fiha «*ezebiet kopja tal-lodo arbitrali fil-proceduri bir-referenza numru M5160/2017 fl-ismijiet "Argus Insurance Agencies Limited et vs Denilson Justin Briffa" u kif ukoll kopja tat-taxxa ufficcjali marbuta mal-imsemmija proceduri ta' arbitragg*» (ara *a foll*. 28–32);

**(ii)** tax-xhieda ta' George Stagno Navarra, bhala *court representative* fi hdan is-socjetà attrici moghtija fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2021 (*a foll*. 33–34) u tad-dokumentazzjoni kollha minnu ezibita waqt tali udjenza (ara *a foll*. 35–47);

**(iii)** tan-nota mressqa mill-attrici waqt l-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 2021 (ara *a fol*. 48) illi permezz taghha gie ezibit dokument (*email*) li juri li ma kienx hemm appell mil-lodo arbitrali fil-proceduri fuq imsemmija (ara *a fol*. 49) u *cheque image* tal-pagament fl-ammont ta' €176.25c li sehh bi zball versu l-konvenuta Sharon Briffa kif imfisser fil-hames premessa ta' l-Avviz tat-Talba (ara *a fol*. 50).

Parti mill-provi deskritti fil-paragrafu (i) u (ii) *supra* jindirizzaw u jisostanzjaw l-azzjoni attrici ghal dak li jikkoncerna l-vjolazzjoni tal-polza assigurattiva ghax juru li l-konvenut Denilson Justin Briffa kien t'età minorenni meta kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAQ-796, assigurata ma' l-attrici. Il-lodo arbitrali datat 21 ta' Gunju, 2018 jghid esplicitament li Denilson Justin Briffa kien minorenni dak iz-zmien ta' l-akkadut sinistru (*a foll*. 28–31).[6] Il-polza t'assigurazzjoni relattiva, ezibita f'din il-kawza, tindika li l-imsemmija vettura kellha tinstaq minn persuni t'età ta' 25-il sena jew aktar "*driving on your order or with your persmission*" (*a fol*. 35). Ir-Rapport tal-Pulizija ezibit fil-kawza jkompli juri li Denilson Justin Briffa ma kellux l-età idonea biex isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAQ-796 (*a foll*. 36–42). Ir-rimanenti provi deskritti in parti fil-paragrafu (ii) u parzjalment fil-paragrafu (iii) *supra* jindirizzaw u jisostanzjaw l-azzjoni attrici ghal dak li jikkoncerna l-hlas bi zball ta' l-ammont ta' €176.25c lejn il-konvenuta Sharon Briffa.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-kumpannija attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

---

[6] Ara paragrafu §2 u paragrafu §9 tal-lodo arbitrali.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-kumpannija attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, biex ihallsu lill-istess attrici s-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u ewro u hamsa u tmenin centezmi (€2,601.85c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-6 ta' Mejju, 2019 sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali mahruga fit-23 ta' Gunju, 2017 (kopja ezibita *a fol*. 43), huma kollha a kariku tal-konvenuti b'mod solidali bejniethom.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*